

REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) Nru 952/2011

tat-23 ta' Settembru 2011

dwar il-ħruġ ta' liċenzji għall-importazzjoni ta' ross fil-qafas tal-kwoti tariffarji miftuħa għas-subperjodu ta' Settembru 2011 bir-Regolament (KE) Nru 327/98

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1234/2007 tat-22 ta' Ottubru 2007 li jistabbilixxi organizzazzjoni komuni ta' swieq agrikoli u dwar dispożizzjonijiet speċifiċi għal ċerti prodotti agrikoli (ir-Regolament "Waħdieni dwar l-OKS")⁽¹⁾,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1301/2006 tal-31 ta' Awissu 2006 li jistabbilixxi regoli komuni għall-amministrazzjoni tal-kwoti tariffarji għall-importazzjoni tal-prodotti agrikoli rregolati minn sistema ta' liċenzji għall-importazzjoni⁽²⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 7(2) tiegħu,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 327/98 tal-10 ta' Frar 1998 li jiftaħ u li jipprovi għall-amministrazzjoni ta' ċerti kwoti ta' tariffei għall-importazzjoni ta' ross u ross miksur⁽³⁾ u b'mod partikolari l-Artikolu 5, l-ewwel inċiż,

Billi:

- (1) Ir-Regolament (KE) Nru 327/98 stabbilixxa u ffissa l-mod ta' ġestjoni ta' ċerti kwoti tariffarji għall-importazzjoni tar-ross u tar-ross miksur, imqassma skont il-pajjiż tal-oriġini u f'diversi subperjodi skont l-Anness IX tar-Regolament imsemmi.
- (2) Is-subperjodu tax-xahar ta' Settembru huwa r-raba' subperjodu għall-kwoti previsti fil-punt a) tal-Artikolu 1(1) tar-Regolament (KE) Nru 327/98 u t-tielet subperjodu għall-kwoti previsti fil-punt d) tal-paragrafu imsemmi u l-ewwel subperjodu għall-kwota prevista fil-punt e) tal-paragrafu msemmi.
- (3) Min-notifika magħmula skont l-Artikolu 8(a) tar-Regolament (KE) Nru 327/98, jirriżulta li għall-kwoti bin-numri tas-serje 09.4112 – 09.4168, l-applikazzjonijiet imressqa matul l-ewwel għaxart ijiem ta' xogħol tax-xahar ta' Settembru 2011, skont l-Artikolu 4(1) tar-Regolament imsemmi, jaqbżu l-kwantitajiet disponibbli. Għaldaqstant,

⁽¹⁾ ĠU L 299, 16.11.2007, p. 1.

⁽²⁾ ĠU L 238, 1.9.2006, p. 13.

⁽³⁾ ĠU L 37, 11.2.1998, p. 5.

jeħtieġ li jiġi ddeterminat sa liema punt jistgħu jinħarġu l-liċenzji għall-importazzjoni, billi jiġi stabilit il-koeffiċjent ta' allokazzjoni li għandu jkun applikat għall-kwantitatiet mitluba għall-kwoti kkonċernati.

- (4) Barra minn hekk, min-notifika msemmija hawn fuq, jirriżulta li għall-kwoti bin-numri tas-serje 09.4127 – 09.4128 – 09.4129 – 09.4130 – 09.4116 – 09.4117 – 09.4118, l-applikazzjonijiet imressqa matul l-ewwel għaxart ijiem ta' xogħol tax-xahar ta' Settembru 2011, skont l-Artikolu 4(1) tar-Regolament (KE) Nru 327/98, ma jaqbżu il-kwantitatiet disponibbli.
- (5) Il-kwantitatiet mhux użati għas-subsidiary ta' Settembru tal-kwoti bin-numri tas-serje 09.4127 – 09.4128 – 09.4129 – 09.4130 hija trasferita [huma trasferiti] fil-kwota bin-numru tas-serje 09.4138 għas-subsidiary tal-kwota sussegwenti skont l-Artikolu 2 tar-Regolament (KE) Nru 327/98.
- (6) Għalhekk, jeħtieġ li jiġi ffissati għall-kwoti bin-numri tas-serje 09.4138 u 09.4168 il-kwantitatiet totali disponibbli għas-subsidiary tal-kwoti sussegwenti, skont l-Artikolu 5, l-ewwel subparagrafu tar-Regolament (KE) Nru 327/98.
- (7) Sabiex tiġi żgurata ġestjoni effiċċi tal-proċedura tal-ħruġ taċ-ċertifikati tal-importazzjoni, dan ir-Regolament għandu jidħol fis-sejjh eż-żarr wara li jiġi ppubblikat,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

1. L-applikazzjonijiet għal-liċenzji tal-importazzjoni ta' ross li jaqgħu taħt il-kwoti bin-numri tas-serje 09.4112 – 09.4168 stipulati bir-Regolament (KE) Nru 327/98, imressqa matul l-ewwel għaxart ijiem ta' xogħol tax-xahar ta' Settembru 2011, jaḡħtu lok għall-ħruġ ta' liċenzji għall-kwantitatiet mitluba, assenjati skont il-koeffiċjenti ta' allokazzjoni stabbiliti fl-Anness għal-dan ir-Regolament.
2. Il-kwantitatiet totali mitluba fil-kuntest tal-kwoti li jaqgħu taħt in-numri tas-serje 09.4138 u 09.4168 stipulati bir-Regolament (KE) Nru 327/98 għas-subsidiary tal-kwoti sussegwenti, huma stabbiliti fl-Anness ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, it-23 ta' Settembru 2011.

*Għall-Kummissjoni,
f'isem il-President,
José Manuel SILVA RODRÍGUEZ
Direttur ġenerali għall-Agrikoltura u l-Iżvilupp Rurali*

ANNESS

Kwantitajiet li għandhom jiġu allokati għas-subperjodu tax-xahar ta' Settembru 2011 u l-kwantitajiet disponibbli għas-subperjodu ta' wara, b'applikazzjoni tar-Regolament (KE) Nru 327/98

- a) Kwota ta' ross mitħun kollu jew ross nofsu mitħun kopert bil-kodiċi tan-NM 1006 30, provvuta bl-Artikolu 1(1)(a) tar-Regolament (KE) Nru 327/98:

Oriġini	Numru tas-serje	Koeffiċjent ta' allokazzjoni għas-subperjodu ta' Settembru 2011	Kwantitajiet totali disponibbli għas-subperjodu tax-xahar ta' Ottubru 2011 (f'kg)
L-Istati Uniti tal-Amerika	09.4127	— (¹)	
It-Tajlandja	09.4128	— (¹)	
L-Australja	09.4129	— (¹)	
Jorġinaw minn xi pajjiż ieħor	09.4130	— (²)	
Il-pajjiżi kollha	09.4138		705 795

(¹) L-applikazzjonijiet ikopru kwantitajiet li huma anqas jew daqs il-kwantitajiet disponibbli: l-applikazzjonijiet kollha jistgħu jhalhekk jiġu milquġha.
(²) L-ebda applikazzjoni tal-koeffiċjent ta' allokazzjoni għal dan is-subperjodu: il-Kummissjoni ma rċeviet l-ebda applikazzjoni għal licenċja.

- b) Kwota ta' ross mitħun jew nofsu mitħun li jaqa' taħt il-kodiċi tan-NM 1006 30, prevista fl-Artikolu 1(1)(d) tar-Regolament (KE) Nru 327/98:

Oriġini	Numru tas-serje	Koeffiċjent ta' allokazzjoni għas-subperjodu ta' Settembru 2011
It-Tajlandja	09.4112	8,333333 %
L-Istati Uniti tal-Amerika	09.4116	— (¹)
L-Indja	09.4117	— (¹)
l-Pakistan	09.4118	— (¹)
Jorġinaw minn xi pajjiż ieħor	09.4119	— (²)
Il-pajjiżi kollha	09.4166	— (²)

(¹) L-ebda applikazzjoni tal-koeffiċjent ta' allokazzjoni għal dan is-subperjodu: il-Kummissjoni ma rċeviet l-ebda applikazzjoni għal licenċja.
(²) L-ebda kwantità mhija disponibbli għal dan is-subperjodu.

- c) Kwota ta' ross miksur, bil-kodiċi tan-NM 1006 40, prevista fl-Artikolu 1(1)(e) tar-Regolament (KE) Nru 327/98:

Oriġini	Numru tas-serje	Koeffiċjent ta' allokazzjoni għas-subperjodu ta' Settembru 2011	Kwantitajiet totali disponibbli għas-subperjodu tax-xahar ta' Ottubru 2011 (f'kg)
Il-pajjiżi kollha	09.4168	1,260196 %	0